**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Keith Caruana Borg

vs

RCE Design Company Limited / Miton Cucine

CCT 64/25/MS

25 ta' Novembru 2026

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-13 ta' Frar 2025 fejn talab lil dan it-Tribunal jordna l-isocjeta intimata jikundanna l-isocjeta intimata li jibdel jew jirrimedja dawk il-partijiet tal-kċina installati u ordnati mill-istess socjeta' intimata, li, skond hu, kienu difettużi, fosthom il-pannelli li kellhom il-finitura tal-ispray, il-pannelli tal-bieb tal-magna tal-ħasil tal-platti, il-profil tal-istainless steel li ġarrab ħsara waqt l-installazzjoni, kif ukoll il-pannelli tal-kexxun inkluż il-manku tiegħu; Ir-rikorrent talab kumpens għal danni u għall-inkonvenjenzi li sofra minħabba d-difetti allegati, id-dewmien u n-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tas-soċjetà intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' RCE Design Company Limited ipprezentata fl-14 ta' April 2025 fejn eccepiet illi r-rikorrent huwa zbaljat meta jallega li l-kcina de quo hija difettuza u jekk skond hu dan huwa l-kaz, irrid jipprova l-pretensjonijiet tiegħu; l-intimat kien indaga l-ilmenti tar-rikorrent u anke involva l-manifattur/ supplier ta' barra fejn irrizulta li ma kien hemm l-ebda difett; illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjes kontra r-rikorrent;

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fl-1 ta' Lulju 2023 ir-rikorrent ordna kcina minghand RCE Design Co. Limited - Miton Cucine liema kcina giet installata bejn Novembru 2023 u Jannar 2024

fir-residenza tas-sajf tar-rikorrent. Matul dan il-perjodu bdew jinnutaw li l-ispray finish tal-kcina beda jitqaxxar gradwalment waqt uzu normali ta' kuljum. F'Awwissu 2024 ghamlu kuntatt ma' Italo Fino dwar il-problema. Fino zar l-appartament taghhom fis-26 ta' Settembru biex jispezzjona l-kcina fejn ikkonferma d-difett tal-ispray finish u ha ritratti. Fl-21 ta' Ottubru 2024 Fino informa lir-rikorrenti li kien se jibghat xi hadd mill-kumpanija fl-appartament taghhom biex jaqla u jiehu faccata ta' wiehed mill-kxaxen tal-kcina biex tintbghat ghand is-supplier, u wara diversi appuntamenti posposti gie rapprezentant tal-kumpanija fil-31 ta' Jannar 2025. Sar test ta' durabilita' b'riga tal-plastik fejn gie kkostatat illi l-ispray finish kien difettuz, pero' f'emails ohra dan ir-rizultat gie negat.

Illi xehed Italo Fino, Branch Manager tal-kumpanija illi qal illi mal-kcina huma joffru hames snin garanzija fir-rigward ta' difetti tal-manifattura u fil-kaz odjern ir-rikorrenti ghamel ordni f'Luju 2023. Qal ukoll illi kien hemm tlett faccatiet ta' seba' kxaxen illi nbidlu minghajr problema minhabba li gew imtaqqba hazin minn barra. Wara disa xhur f'Awwissu 2024 ir-rikorrent ikkomunika mieghu u qallu li kien hemm 'chipping' fit-truf ta' ghaxar postijiet differenti, u baghat installer biex jara x'kienet il-problema. Spicca tela hu stess biex jara b'ghajnejh. Qal illi raha stramba kif id-daqqiet kienu kollha fuq kantunieri fuq naha wahda biss tal-kcina u l-bqija, cjoe' fejn hemm l-appliances u n-naha l-ohra tal-island baqghet perfetta. Pero' ir-rikorrent baqa' jinsisti illi z-zebgha bdiet ittir wahdeha. Min-naha tieghu ghamel kuntatt ma' Miton fl-Italja fejn qalulu illi ma jistx ikun li dawk id-daqqiet gew wehidhom. Qal ukoll illi qala' l-ewwel kexxun ta' taht tal-hob sabiex jezaminah u jordnalu iehor gdid a spejjes tieghu u meta kien fis-showroom beda jaghti daqqiet b'riga solida fuq ix-xifer . Mit-test li ghamel jidher car li meta jaghti daqqiet bil-mod il-kexxun ma jigrilu xejn u meta jzid is-sahha jigu d-daqqiet. Qal ukoll illi qatt ma kellhom problema ma nies ohra li kellhom l-istess mudell.

Illi t-Tribunal ghandu quddiem rapport tal-perit tekniku Profs. Michael Formosa li nhatar fis-17 ta' Lulju 2025, fejn qal testwalment hekk:

***Irregularities Observed:***

*The kitchen exhibits a small number of small areas of paint chipping. These defects are minor in size, generally not exceeding approximately 4mm2. Based on visual inspection, minute areas of the grey topcoat chipped and detached, while the underlying white primer remains firmly bonded to the substrate . This indicates that the failure is not between the substrate and the primer, but at the interface between the finish coat and the(grey) and the primer (white). This type of defect is technically described as an adhesion failure between paint layers. Where the primer remains intact and only the topcoat flakes away, it suggests that the bond between the two coatings was insufficient.*

*RCE Design Co. Ltd carried out testing on a drawer front in an attempt to replicate the damage. However, the method used does not appear to follow any recognised testing standard and was not conducted in my presence. For this reason, the results of the test have not been considered in this report. Ad additional issue relating to stainless steel profile was also noted, however this matter appears to have been clearly communicated between the parties .*

***Conclusions and Recommendations***

*The exact cause of this damage cannot be determined with certainty, however, it is likely that the chipping has occurred as a result of impact. The defects do not appear to have developed spontaneously and are not occurring in isolation. The areas of paint chipping were observed in the following situations:*

*Areas where components came into contact during normal use, such as the opening and closing of doors;*
*Areas frequently touched by hand when operating doors and drawers;*
*Other locations occurring randomly, particularly along the edges of doors and drawers.*

***Common technical causes of this type of adhesion failure include inadequate surface preparation, insufficient curing between coating lawyers, contamination between coats or incomptibility between the primer and finish coat.*** *(Emfazi tat-Tribunal)*

*Furniture finished with spray applied coatings is susceptible over time to minor deterioration, even with careful use. This may include small scratches. Abrasions, dents and localised paint chipping. Such effects are generally associated with normal wear and tear and are influenced by both the substrate material and the type of coating applied. In this case, the defects are more visible due to the contrast between the white primer and the dark grey finish coat. In practice, primers are often white or light in colour because the are standards and provide a neutral base. However, in higher quality finishing systems, it is common to use a colour-matched primer, especially when applying a dark topcoat such as grey or anthracite. This helps to reduce the visibility of any minor chips or scratches . The use of a white primer is not incorrect but it is a more standard approach rather than a preventive one for visibility of defects.*

*In view of the above observations I promise the following remedial options be considered by the tribunal and relevant partisans:*

*Option 1: Retouching of chipped areas*

*Option 2 - repainting of affected components.*

*Option 3 - Partial compensation.*

Ikkunsidra

Illi fl-eskussjoni tiegħu quddiem dan it-Tribunal, il-perit spjega aktar l-opinjoni tiegħu dwar il-kawża tat-tixlif. Għalkemm ikkonferma li l-impatt kien, fil-fehma tiegħu, kawża probabbli, huwa ammetta wkoll li t-tixlif seta' seħħ waqt l-użu normali tal-kċina. Għalhekk, l-opinjoni tiegħu ma teskludix li l-ħsara setgħet żviluppat fil-kuntest tal-użu ordinarju tal-kcina.

Fir-rigward tar-rimedji, il-perit indika tlett options. Madankollu, fl-eskussjoni tiegħu quddiem dan it-Tribunal, qal li ma setax jagħti garanzija li l-ewwel zewg rimedji kienu ser isolvu l-problema b'mod permanenti, u li kien hemm il-possibbiltà li t-tixlif jerġa' jseħħ.

ikkunsidra

Illi wara li eżamina l-provi kollha prodotti, it-Tribunal iqis li l-kwistjoni ewlenija hija jekk il-kċina fornuta lir-rikorrent kinitx konformi mal-kwalità u d-durabbiltà li konsumatur jista' raġonevolment jistenna minn prodott ġdid ta' dan it-tip u ta' dan il-prezz.

Illi t-Tribunal jagħti importanza partikolari lill-konklużjoni teknika tal-perit li l-finitura griża kienet qed tinqala' mill-primer abjad, u li dan kien jindika nuqqas ta' adeżjoni bejn iż-żewġ saffi. Dan huwa fatt tekniku li joħroġ mill-eżami tar-rapport u li ma jistax jiġi injorat.

Illi huwa minnu li l-perit ma setax jidentifika b'ċertezza l-kawża eżatta ta' dan in-nuqqas ta' adeżjoni. Madankollu, huwa indika wkoll diversi kawżi tekniċi oħra li jistgħu jwasslu għall-istess riżultat, fosthom preparazzjoni mhux adegwata tal-wiċċ, tqaddid insuffiċjenti bejn is-saffi, kontaminazzjoni jew inkompatibbiltà bejn il-primer u l-kisja ta' fuq.

Illi dan it-Tribunal jinnota wkoll li l-perit, meta ġie mistoqsi fl-eskussjoni tiegħu, ma eskludiex li t-tixlif seta' seħħ waqt l-użu normali tal-kċina. Dan huwa punt importanti meta jitqies li l-kċina kienet relattivament ġdida meta bdew jidhru l-problemi.

Illi t-Tribunal jifhem l-argument tas-soċjetà intimata li l-post fejn instab it-tixlif jista' jindika li l-ħsara kienet ikkawżata minn kuntatt jew impatt. Madankollu, il-fatt li t-tixlif deher f'postijiet fejn il-komponenti jmissu waqt l-użu normali ma jwassalx, waħdu, għall-konklużjoni li r-rikorrent uża l-kċina b'mod mhux xieraq jew li l-ħsara kienet neċessarjament ikkawżata minn negliġenza min-naħa tiegħu.

Illi t-Tribunal iqis ukoll li l-prova li saret mis-soċjetà intimata permezz ta' daqqiet fuq il-kexxun ma tistax titqies bħala prova teknika konklużiva, partikolarment fid-dawl tal-kummenti tal-perit dwar il-metodu użat u l-fatt li huwa (wisq anqas dan it-Tribunal) ma kienu preżenti għal dik il-prova.

Għalhekk is-soċjetà intimata ma rnexxielhiex turi jew tipprova b'mod sodisfaċenti li t-tixlif kien esklużivament riżultat ta' impatt jew ta' użu mhux xieraq min-naħa tar-rikorrent.

Illi t-Tribunal iqis li l-finitura ta' kċina ġdida tifforma parti integrali mill-kwalità u mill-valur tagħha. Għalkemm it-tixlif osservat kien żgħir fid-daqs u ma jidhirx li kien qed jimpedixxi l-użu tal-kċina, dan ma jfissirx li għandu jitqies bħala insinifikanti. Konsumatur li jixtri kċina ġdida bi prezz ta' madwar €12,000 għandu raġonevolment jistenna li l-finitura tagħha tkun adegwata u li ma tibdiex tinqala' f'diversi postijiet wara żmien relattivament qasir ta' użu normali.

Illi dan it-Tribunal qies ukoll il-problemi l-oħra li tressqu mir-rikorrent, relatati mal-pannell tal-bieb tal-magna tal-ħasil tal-platti, il-profil tal-istainless steel li ġarrab ħsara waqt l-installazzjoni, u l-pannell tal-kexxun inkluż il-manku tiegħu. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati flimkien mat-tixlif fil-finitura tal-ispray.

Illi l-fatt li s-soċjetà intimata għamlet xi tentattivi sabiex tinvestiga l-ilmenti tar-rikorrent ma jneħħix ir-responsabbiltà tagħha li tipprovdi prodott li jkun konformi mal-kwalità mistennija. Barra minn hekk, il-fatt li ġew proposti rimedji bħall-irtokk jew iż-żebgħa mill-ġdid ma jiggarantixxix li l-problema ma terġax tinqala', kif indika l-perit innifsu.

Ikkunsidra

Illi l-Artikolu 74 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għar-rimedji li konsumatur jista' jitlob f'każ ta' nuqqas ta' konformità tal-oġġetti, fosthom it-tiswija jew is-sostituzzjoni, it-tnaqqis proporzjonat fil-prezz jew, f'ċerti ċirkostanzi, it-terminazzjoni tal-kuntratt. L-Artikoli 75 u 76 jirregolaw il-kundizzjonijiet relatati mat-tiswija jew is-sostituzzjoni u t-tnaqqis fil-prezz.

Illi f'dan il-każ, fid-dawl tan-natura tad-difetti u tal-fatt li l-perit ma setax jiggarantixxi li l-irtokk jew iż-żebgħa kienu ser isolvu l-problema b'mod permanenti, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal iqis li tnaqqis parzjali fil-prezz huwa rimedju aktar xieraq.

Illi sabiex jiddetermina l-ammont xieraq, it-Tribunal ħa inkunsiderazzjoni l-prezz imħallas mill-konsumatur, li kien qrib it-tnax-il elf ewro (€12,000), in-natura u l-firxa tad-difetti li

ġew ippruvati, iż-żmien relattivament qasir li fih bdew jidhru l-problemi, kif ukoll il-fatt li l-kċina baqgħet tintuża għall-għan li għalih kienet inxtrat.

Illi t-Tribunal iqis li s-somma ta' elfejn ewro (€2,000) tirrappreżenta tnaqqis ġust u proporzjonat fil-prezz tal-kċina.

Fir-rigward tat-talba għal danni morali, fid-dawl tal-provi prodotti u tan-natura tar-rimedju li qed jingħata, it-Tribunal ma jqisx li hemm bażi suffiċjenti sabiex jagħti kumpens separat għal danni morali.

Għal dawn il-motivi, dan it-Tribunal, wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ qed jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikkundanna lis-soċjetà intimata, RCE Design Company Limited, tħallas lir-rikorrent, Keith Caruana Borg, is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bħala tnaqqis parzjali u globali fil-prezz tal-kċina, liema somma tkopri n-nuqqasijiet kollha li ġew ippruvati f'dawn il-proċeduri; jiċħad it-talba għal danni morali. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**